REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1067/2008

tat-30 ta' Ottubru 2008

li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffari Komunitarji għal qamħ komuni ta' kwalità differenti minn dik superjuri oriġinanti minn pajjiżi terzi u li tidderoga mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007

(Verżjoni kodifikata)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 t'Ottubru 2007 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq agrikolu u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 144(1) tiegħu, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/333/KE tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-konklużjoni ta' ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika skond l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 dwar il-modifika tal-konċessjonijiet għas-skedi tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika tal-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika Litwana, tar-Repubblika Ungeriża, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka waqt id-dħul tagħhom fl-Unjoni Ewropea ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/444/KE tat-22 ta' Frar 2007 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Kanada dwar il-konklużjoni tannegozjati rigward l-Artikolu XXIV:6 tal-GATT ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2375/2002 tas-27 ta' Diċembru 2002 dwar li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffari Komunitarji għal qamħ komuni ta' kwalità differenti minn dik superjuri oriġinanti minn pajjiżi terzi u li tidderoga mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 ([4]) ġie emendat kemm-il darba ([5]) b'mod sostanzjali. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmi Regolament għandu jiġi kkodifikat.

(2) Wara negozjati dwar il-kummerċ, il-Komunità biddlet il-kondizzjonijiet għall-importazzjoni ta' qamħ komuni ta' kwalità baxxa u medja, jiġifieri qamħ komuni illi huwa differenti minn qamħ ta' kwalità għolja, hekk kif definit fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1249/96 tat-28 ta' Ġunju 1996 ([6]) dwar regoli ta' applikazzjoni (dazji fuq importazzjoni fis-settur taċ-ċereali) tar-Regolament (KEE) Nru 1766/92, bil-ħolqien ta' kwota fuq l-importazzjoni.

(3) Din il-kwota fuq l-importazzjoni tirreferi għal kwantità massima annwali ta' 2 989 240 tunnellata metrika, li tinkludi 572 000 tunnellata metrika ta' importazzjoni mill-Istati Uniti ta' l-Amerika u 38 853 tunnellata metrika ta' importazzjoni li joriġina mill-Kanada.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni dwar l-amministrazzjoni ta' kwoti tariffari għall-importazzjoni għal prodotti agrikoli amministrati b'sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni ([7]) tapplika għal-liċenzji ta' importazzjoni għall-perjodi ta' kwoti tariffari li jibdew mill-1 ta' Jannar 2007.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 1301/2006 japplika bla ħsara għall-kundizzjonijiet jew derogi addizzjonali li jistgħu jkunu stabbiliti minn dan ir-Regolament.

(6) Sabiex jiġi żgurat illi l-importazzjoni tal-qamħ komuni li taqa' taħt dawn il-kwoti tariffali hija regolari u mhux spekulattiva, din għandha tkun soġġetta għall-ħruġ ta' liċenzja għall-importazzjoni.

(7) Sabiex tiġi żgurata amministrazzjoni korretta ta' dawn il-kwoti, għandu jiġi stabbilit terminu perentorju li fih għandhom jiġu mitfugha l-applikazzjonijiet għal-liċenzji u għandha tiġi speċifikata l-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-applikazzjoni u fil-liċenzja.

(8) Sabiex jiġu kkonsidrati kondizzjonijiet ta' fornitura, għandha ssir deroga dwar il-perjodu ta' validità tal-liċenzji.

(9) Sabiex tiġi żgurata amministrazzjoni effikaċi tal-kwoti, is-sigurtà fuq il-liċenzji ta' importazzjoni għandha tkun iffissata f'livell relattivament għoli, minkejja l-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1342/2003 tat-28 ta' Lulju 2003 illi jniżżel regoli dettaljati speċjali għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' liċenzji għall-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' ċereali u ross ([8]).

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) OJ L 124, 11.5.2006, p. 13.
([3]) ĠU L 169, 29.6.2007, p. 53.
([4]) ĠU L 358, 31.12.2002, p. 88.
([5]) Ara l-Anness I.
([6]) ĠU L 161, 29.6.1996, p. 125.
([7]) OJ L 238, 1.9.2006, p. 13.
([8]) ĠU L 189, 29.7.2003, p. 12.

(10) Għandha tiġi stabbilita sistema rapida ta' komunikazzjoni reċiproka bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri dwar il-kwantitajiet li għalihom issir l-applikazzjoni u li jiġu importati.

(11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq agrikolu,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Minkejja l-Artikolu 135 u fl-Artikolu 136(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, id-dazju fuq l-importazzjoni tal-qamħ komuni li jaqa' taħt il-kodiċi CN 1001 90 99, ta' kwalità differenti mill-kwalità għolja hekk kif definit fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1249/96 għandu jiġi ffissat għall-qafas tal-kwota miftuħa b'dan ir-Regolament.

L-Artikolu 135 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għandu japplika għall-importazzjoni tal-prodotti msemmijin f'dan ir-Regolament fi kwantitajiet illi jeċċedu l-kwantitajiet hekk kif previst fl-Artikolu 3.

Artikolu 2

1. Permezz tal-preżenti qiegħda tiġi stabbilita kwota tariffarja ta' 2 989 240 tunnellata ta' qamħ komuni li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1001 90 99 ta' kwalità differenti minn dik superjuri se tibda tinfetaħ fl-1 ta' Jannar ta' kull sena.

2. Id-dazju fuq importazzjoni li jaqa' taħt il-kwota tariffali għandu jkun impost bir-rata ta' EUR 12 kull tunnellata.

3. Ir-Regolamenti (KE) Nru 376/2008 [1] tal-Kummissjoni u tar-Regolamenti (KE) Nru 1342/2003 u (KE) Nru 1301/2006, 1342/2003 u 1301/2006 għandhom japplikaw, ħlief fejn provdut mod ieħor f'dan ir-Regolament.

Artikolu 3

1. Il-kwota tarrifali komplessiva għandha tkun maqsuma fi tlett subkwoti:

— subkwota I (numru tas-serje 09.4123): 572 000 tunellata għall-Istati Uniti ta' l-Amerika;

— subkwota II (numru tas-serje 09.4124): 38 853 tunnellata għall-Kanada;

— subkwota III (numru tas-serje 09.4125): 2 378 387 tunnellata għall-pajjiżi terżi l-oħra.

2. Fejn, matul xi sena, jidher illi jkun hemm tnaqqis serju tat-teħid ta' subkwota I jew II, il-Kummissjoni tista', bi ftehim mal-pajjiżi terzi kkonċernati, taddotta arranġamenti sabiex tittrasferixxi l-kwantitajiet mhux meħuda għas-subkwoti l-oħrajn, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 195(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

3. Subkwota III għandha tkun maqsuma f'erba subperjodi ta' tliet xhur, li jkopru d-dati u l-kwantitajiet li ġejjin:

(a) subperjodu 1: l-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu — 594 597 tunnellata;

(b) subperjodu 2: l-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju — 594 597 tunnellata;

(ċ) subperjodu 3: l-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru — 594 597 tunnelata;

(d) subperjodu 4: l-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru — 594 596 tunnellata.

4. Fejn il-kwantitajiet għal wieħed mis-subperjodi 1, 2 jew 3 ikunu eżawriti, il-Kummissjoni tista' tressaq 'il quddiem il-ftuħ tas-subperjodu li ġej skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 195(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.

Article 4

1. Minkejja l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, l-applikanti ma jistgħux jissottomettu aktar minn applikazzjoni waħda għal-liċenzja għal kull numru tas-serje u għal kull ġimgħa. Fejn l-applikanti jissottomettu aktar minn applikazzjoni waħda, l-ebda minn dawn l-applikazzjonijiet m'għandhom ikunu ammissibbli u l-garanziji depożitati meta l-applikazjonijiet kienu sottomessi jintilfu lill-Istat Membru kkonċernat.

L-applikazzjonijiet tal-liċenzji ta' l-importazzjoni għandhom ikunu sottomessi mal-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri kull ġimgħa mhux aktar tard mill-Ġimgħa ⌫ 13:00 (ħin ta' Brussell).

2. Kull applikazzjoni għal-liċenzja għandha tindika kwantità f'kilogrammi (numri sħaħ) li ma jistgħux jeċċedu:

— għas-subkwoti I u II, għall-kwantità totali miftuħa għas-sena tas-subkwota konċernata,

— għas-subkwota III, il-kwantità totali miftuħa għas-subperjodu konċernat.

L-applikkazjoni tal-liċenżja tal-importazzjoni u l-liċenżja tal-importazzjoni għandhom isemmu pajjiż wieħed ta' l-oriġini.

[1] ĠU L 114, 26.4.2008, p. 3.

3. Sa mhux aktar tard mit-Tnejn ta' wara l-ġimgħa tat-tressiq ta' l-applikazzjonijiet għal-liċenzji, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jibagħtu elettronikament lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mis-18:00 ħin ta' Brussell, komunikazzjoni li tinnotifika, skond in-numru tas-serje, kull applikazzjoni bl-oriġini talprodott u l-kwantità mitluba, inklużi l-komunikazzjonijiet "nulli".

4. Il-liċenzji għandhom jinħarġu fir-raba' ġurnata tax-xogħol wara d-data ta' skadenza għall-komunikazzjoni msemmija filparagrafu 3.

Dakinhar tal-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw elettronikament lill-Kummissjoni linformazzjoni rigward il-liċenzji li jkunu nħarġu, imsemmija fl-Artikolu 11(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, bilkwantitajiet totali li għalihom ikunu nħarġu l-liċenzji tal-importazzjoni.

Article 5

Il-perjodu ta' validità tal-liċenzja għandu jkun ikkalkulat middata tal-ħruġ, skond l-Artikolu 22(2) tar-Regolament (KE) Nru 376/2008.

Article 6

It-taqsima 8 tal-applikazzjoni tal-liċenzja tal-importazzjoni u lliċenzja tal-importazzjoni għandhom ikollhom isem tal-pajjiż tal-oriġini u "Iva" għandha tkun immarka b'salib. Il-liċenzji għandhom ikunu validi biss għall-prodotti li joriġinaw fil-pajjiż indikat fit-taqsima 8.

Artikolu 7

Minkejja l-Artikolu 12 (a) u (b) tar-Regolament (KE) Nru 1342/2003, il-miżura għal-liċenzja għall-importazzjoni prevista f'dan ir-Regolament għandha tkun ta' EUR 30 kull tunnellata metrika.

Artikolu 8

Fil-qafas tal-kwota ta' tariffa, ir-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa fil-Komunità ta' qamħ ordinarju ta' kwalità minbarra dik ta' kwalità għolja li joriġina minn pajjiżi terzi għandu jsir bil-kondizzjoni li jiġi muri ċertifikat tal-oriġini maħruġ mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ta' dak il-pajjiż, skond l-Artikolu 47 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 [1].

Artikolu 9

Ir-Regolament (KE) Nru 2375/2002 hu mħassar.

Referenzi għar-Regolament li ġie mħassar għandhom jinftehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II.

Artikolu 10

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 30 ta' Ottubru 2008.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.

ANNESS I

Regolament imħassar flimkien ma' lista ta' l-emendi suċċessivi tiegħu

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2375/2002 (ĠU L 358, 31.12.2002, p. 88)	
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 531/2003 (ĠU L 79, 26.3.2003, p. 3)	
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1111/2003 (ĠU L 158, 27.6.2003, p. 21)	
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 777/2004 (ĠU L 123, 27.4.2004, p. 50)	L-Artikolu 12 biss
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 491/2006 (ĠU L 89, 28.3.2006, p. 3)	
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 971/2006 (ĠU L 176, 30.6.2006, p. 51)	
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2022/2006 (ĠU L 384, 29.12.2006, p. 70)	L-Artikolu 1 biss
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 932/2007 (ĠU L 204, 4.8.2007, p. 3)	L-Artikolu 1 biss
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1456/2007 (ĠU L 325, 11.12.2007, p. 76)	L-Artikolu 2 biss

ANNESS II

Tabella ta' Korrelazzjoni

Regolament (KE) Nru 2375/2002	Dan ir-Regolament
Artikoli 1, 2 u 3	Artikoli 1, 2 u 3
Artikolu 5	Artikolu 4
Artikolu 6	Artikolu 5
Artikolu 9	Artikolu 6
Artikolu 10	Artikolu 7
Artikolu 11	Artikolu 8
—	Artikolu 9
Artikolu 12, l-ewwel paragrafu	Artikolu 10
Artikolu 12, it-tieni paragrafu	—
—	Anness I
—	Anness II